MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 68/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' elf tlett mija u disgha u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm1359.71) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21561260 (Acc. No. 10220628), liema servizz gie installat fil-fond "Taurus" Triq San Blas, Nadur, Ghawdex skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument "A".

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Jecepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li m’huwiex minnu li l-konvenut ghandu jhallas l-ammont dedott f’dan l-avviz;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghjar pregudizzju is-socjeta’ attrici ghandha tiggustifika l-ammont ta’ hlas li qed tippretendi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.”

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Illi s-socjta’ attrici ippruvat b’mod iddettaljat il-kontminnha mitlub. Min-naha l-ohra, il-konvenut ghalkemm ma eccepiex hekk formalment fir-risposta tieghu, waqt is-smiegh ta’ din il-kawza allega li l-kont kien frott ta’ hsarat fil-linja. Il-piz ta’ tali prova ghalhekk jistrieh fuq spallejh. Huwa ma rnexxilux jiskarika dan il-piz ghax bl-ebda mod ma pprova li l-kont kien frott ta’ xi hsarat fil-linja. Dwar din l-allegazzjoni, huwa kien anke illamenta mas-socjeta attrici li ghamlet id-debiti nvestigazzjonijiet fir-rigward, li rrizultaw negattivi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1,359.71c dovut ghal servizz telefoniku kif specifikat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez komprizi dawk tal-Vat fuq drittijiet professjonali tal-avukati difensuri u bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------